MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 725/2007

**Farell Wines & Spirits Limited**
**(C 37343)**

**Vs**

**Carmelo Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Settembru, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` elf u tlettax il-lira, wiehed u sebghin centezmu (Lm1013.71), rapprezentanti valur ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra datata 13 ta` April, 2007, ta` l-ittra ufficcjali prezentata ai termini ta` l-artikolu 166A Kap. 12 li ggib in-numru 2797/07 u bl-imghaxijiet legali

dekorribbli mis-27 ta` Gunju, 2006 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta` Ottubru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm1013.71, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta` Gunju, 2006 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------